

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-riorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tgħaqqad din il-kawża u l-Kawża T-131/16 minħabba l-konnessjoni bejniethom, għall-finijiet tal-parti orali tal-proċedura u tas-sentenza;
- tqis ammissibbli u tilqa' t-talbiet għal annullament imqajma f'dan ir-rikors;
- tannulla l-Artikoli 1 u 3 tad-deċiżjoni kkontestata (¹);
- sussidjarjament, tannulla l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn ma jipprovdix miżuri tranžiorji;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' din il-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-riorrenti tinvoka seba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq allegat żball manifest fl-identifikazzjoni tal-atti legali li jipprovdū għall-allegata ghajjnuna mill-Istat u żball ta' li ġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(d) tar-Regolament Nru 2015/1589 (²).
2. It-tieni motiv ibbażat fuq żball ta' fatt fid-deskrizzjoni tal-iskema ta' referenza, żball manifest ta' evalwazzjoni fl-analiżi tagħha u żball ta' li ġi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE u l-Artikolu 1(a) tar-Regolament Nru 2015/1589.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq żball fl-evalwazzjoni tal-vantaġġ ekonomiku u żball ta' li ġi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 107 (1) TFUE u l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 2015/1589.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq żball fl-evalwazzjoni tas-selettività neċċessarja sabiex l-iskema inkwistjoni tiġi kkwalifikata bħala ghajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) TFUE u l-Artikolu 1(a) tar-Regolament Nru 2015/1589 u żball ta' evalwazzjoni fl-analiżi tal-mekkaniżmi tal-iskema inkwistjoni.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni fl-analiżi tal-ġustifikazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-iskema kkontestata.
6. Is-sitt motiv ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni tal-allegat vantaġġ miksub mill-iskema inkwistjoni u nuqqas ta' preċiżjoni fl-eżami tal-iskema inkwistjoni.
7. Is-seba' motiv ibbażat fuq allegat ksur tal-aspettattivi leġittimi tal-persuni suġġetti għall-ħlas tat-taxxa u taċ-ċertezza legali.

(¹) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Jannar 2016 dwar l-iskema ta' għajjnuna mill-Istat permezz ta' eżenzjoni għall-profitt eċċessiv SA.37667 (2015/C) (ex 2015/NN) implementata mir-Renju tal-Belġju.

(²) Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589, tat-13 ta' Lulju 2015, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 248, p. 9).

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Awwissu 2016 – X-cen-tek vs EUIPO (Rappreżentazzjoni ta' trijangolu)

(Kawża T-470/16)

(2016/C 383/28)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: X-cen-tek GmbH & Co. KG (Wardenburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Hillers, avukat)

Konvenut: L-Uffċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzuża kkonċernata: trade mark figurattiva tal-Unjoni (Rappreżentazzjoni ta' trijangolu) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 167 654

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-17 ta' Ġunju 2016 fil-Każ R 2565/2015-4

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżzentat fid-19 ta' Awwissu 2016 – Marsh vs EUIPO (LegalPro)

(Kawża T-472/16)

(2016/C 383/29)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Marsh GmbH (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentant: W. Riegger, avukat)

Konvenut: L-Uffċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzuża kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "LegalPro" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 954 177

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-17 ta' Ġunju 2016 fil-Każ R 146/2016-4

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi dawk tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.